**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 9 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 510/2016PA**

**Colin Sant eżerċitant tal-kummerċ taħt l-isem Dad's Service Station, Mosta Road, San Pawl il-Baħar**

**vs**

**Joseph Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-9 ta` Novembru 2016 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` elf, ħames mija, sitta u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€1,256.13ċ) prezz ta` merkanżija (*fuel*) mibjugħa u debitament konsenjata u dan kif jirriżulta mir-rendikont anness, wara li l-konvenut naqas li jħallas dan id-dejn minkejja d-diversi interpellanzi tal-attur biex jagħmel dan.

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-attur mal-Avviż tat-Talba, senjatament fattura (Dok. DSS1, fol. 5) u ittra legali datata 25 ta` Mejju 2016 (Dok. DSS2, fol. 6).

Ra li l-konvenut deher quddiem it-Tribunal fid-19 ta` April 2017 u rreġistra li huwa jaċċetta u jaqbel li għandu jagħti s-somma mitluba bl-Avviż tat-Talba lill-attur, filwaqt li għarraf lit-Tribunal li kien fi ħsiebu jħallas dan id-dejn fil-mori tal-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-5 ta` Diċembru 2017, l-attur ippreżenta Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, li bih ried jipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Iqis li l-attur ipprova t-talba tiegħu, fuq bilanċ ta` probabilitajiet, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta` elf, ħames mija, sitta u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€1,256.13ċ).

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**